MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 122/2012

**Alfsons Enterprises Limited**
**C 20428**

**Vs**

**Anthony Fava**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta’ Frar, 2012, fejn l-ammont ta’ elf disgha mija u tnejn u sebghin Ewro u sittin centezmu (€1,972.60) dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tas-sorte, tal-ittri legali tad-9 ta’ Settembru, 2011 u tas-6 ta’ Jannar, 2012 u bl-imghax legali mill-31 ta’

Dicembru, 2007 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta'Dicembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disgha mija u tnejn u sebghin Ewro u sittin centezmu (€1,972.60) bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru, 2007, id-data tal-ahhar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tad-9 ta' Settembru, 2011 u tas-6 ta' Jannar, 2012 ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------